SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Giljan

**Laqgħa Nru.27/K8/17**

Data tal-laqgħa:16 ta' Frar 2017

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Giljan fl-4.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Martin John Sultana - Kunsillier
John Agius- Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsillier
Edgar Montanaro – Kunsillier
Clayton Tanti Gregoracy – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (3))**

Il-Viċi Sindku Albert Buttigieg talab li jiġi skużat għal-laqgħa tal-Kunsill. (Inc. 1026/17)

Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul talab li jiġi skużat għal-laqgħa tal-Kunsill. (Inc. 1031/17)

**Assenti:(0)**

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech - Skrivana

**Minuti**

Is-Sindku Guido Dalli ppresieda l-laqgħa.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**27.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

27.1.01 Il-Kunsillier Adrian Dominic Ellul talab li jiġi skużat għal-laqgħa tal-Kunsill. (Inc.1013/17)

27.1.02 Il-Viċi Sindku Albert Buttiġieġ talab li jiġi skużat għal-laqgħa tal-Kunsill (Inc. 1026/17)

27.1.03 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula nforma lill-Kunsill li ser jasal tard għal-laqgħa. (Inc. 1018/17)

27.1.04 Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjonital-Minuti;**

27.2.01 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula wasal fl-16.15p.m.

27.2.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro rringrazzja lill-Kunsill fir-rigward l-ittra li ntbagħtitlu b'solidarjeta miegħu fil-mumenti diffiċli.

27.2.03 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 26/K8/17għall-approvazzjoni.

27.2.04 Wara li kien hemm xi korrezzjonijiet, il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

27.2.05 Il-Kunsillier Martin John Sultana issekondah.

27.2.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajma mill-Minuti**

27.2.07 Tqajjem il-punt fir-rigward il-laqgħa li kellha ssir mas-Sur Philippe Gatt fir-rigward l-attivita' ta' St. Patrick's Day. Iċ-Ċermen ippropna li din il-laqgħa ssir nhar it-Tnejn 20 ta' Frar 2017 fl-4.00p.m. fl-Uffiċċju Amminstrattiv tal-Kunsill. Il-Kunsilliera kollha huma mistiedna.

27.2.08 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt fir-rigward l-ittra li ntbagħtet lis-Sur Silvio Scerri ta' Transport Malta, fejn hu informa lill-Kunsill li l-uniċi talbiet pendenti li hemm fl-email li ntbagħtitlu huma fir-rigward Paceville. Huwa informa lill-Kunsill li

qed jistenna mingħand is-Sur Silvio Scerri sabiex issir l-laqgħa miegħu u meta jkollu d-data huwa jinforma lill-Kunsill.

27.2.09 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt fir-rigward il-bus shelter li kellu jiġi rranġat ġewwa Triq Ta' Ġiorni u fir-rigward it-talba għall-bus shelter ġdid ħdejn il-Merħba Pharmacy.

**27.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

27.3.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li bħala Reġjun għandna niġbru madwar sitt mitt elf euro fir-rigward iċ-ċitazzjonijiet li ntagħtaw qabel ma bdiet il-LESA. Għaldaqstant ir-Reġjun ser ikun qiegħed jibgħat ittra permezz ta' Avukat li tiswa €1.31 li tinkludi il-postaġġ ta' l-ittra. Kull ċitazzjoni li titħallas dawn ser ikunu qliegħ għall-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jintbagħtu dawn l-ittri.

27.3.02 Iċ-Ċermen qajjem il-punt fir-rigward is-Sinjura Francois Chetcuti fejn qed titlob li jsiru *billboards* ġewwa Regional Road. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni minħabba li din it-triq hija arterjali filwaqt li jkollha il-permessi kollha meħtieġa filwaqt li l-Kunsill għandu r-riżervi tiegħu għaliex dawn jistgħu jkunu ta' periklu għas-sewwieqa.

27.3.03 Iċ-Ċermen qajjem il-punt fir-rigward is-Sur Jean Luc Micallef fejn hu informa lill-Kunsill li ltaqa' miegħu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv fejn is-Sur Jean Luc Micallef ser jiltaqa' mal-Għaqda tal-Armar sabiex jiddiskuti magħhom l-arbli tal-festa ta' madwar il-baħar.

27.3.04 Iċ-Ċermen qajjem il-punt fir-rigward is-Sotto-Kumitat dwar l-ambjent li għandu jsir bil-persuni hawn imsemmija: Is-Sur Pierre Cauchi, is-Sinjura Vicky Azzopardi Soler, Is-Sur Alex Pace Gouder, Is-Sinjura Elisa Attard, is-Sinjura Catherine Borg Grech, is-Sur Jeremy Borg Grech, is-Sur Michelle Spiteri, is-Sur Alan Azzopardi, is-Sur Charles Farrugia, s-Sur Manuel Portelli u s-Sur Adrian Cachia. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni. Għaldaqstant ser jiġu avviċinati dawn il-persuni, sabiex jintalbu jekk jixtiequx jagħmlu parti minn dan is-sotto-kumitat.

27.3.05 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li ser isir Cultural Matters Seminar nhar il-Ħamis 23 ta' Frar 2017.

27.3.06 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li l-laqgħa ma' l-Onor. Dr. Stefan Bountempo fir-rigward il-Ground ta' Ta' Ġiorni, id-Dar ta' l-Anzjani u Palazzo Spinola ser isir nhar l-Erbgħa 22 ta' Frar 2017.

27.3.07 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li hu flimkien mal-Viċi Sindku ltaqgħu mas-Sur Anton Camilleri l-owner ta' l-art tal-parti l-ġdida li nbniet ġewwa Patrick Brydone, fejn ġie diskuss il-problemi tar-residenti.

27.3.08 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li saret laqgħa mal-perit tal-*Works Department* fir-rigward il-problema li hemm minħabba li qed jinżel l-ilma ġewwa n-Neptune's Waterpolo Club.

**27.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

27.4.01 Ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet.

**27.5 Korrispondenza**

**Rif Nru. 785**

27.5.01 Saret riferenza għat-talba mingħand is-Sur Michael Aquilina sabiex isir kunċert bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jistax jagħti l-għajnuna tiegħu għaliex ir-regolamenti ma jħalluhx jagħti *sponsorship.*

**Rif Nru. 793**

27.5.02 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand il-Pulizija dwar *Statement of Accounts*. Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li ser jiltaqa' mas-Supretendent ta' San Ġiljan Raymond D'Anastasi.

**Rif Nru. 902**

27.5.03 Saret riferenza għat-talba mingħand l-Għaqda Dilettanti Knisja ta' Lapsi sabiex isir messaġġ ta' awgurju u reklam fuq il-ktieb LAPSI 2017. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

**Rif Nru. 1011**

27.5.04 Saret riferenza għat-talba mingħand l-iskola Primarja Santa Klara dwar parkeġġ għal persuni b'diżabilita'. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li din issir. Din id-disabled parking bay għandha tkun applikabbli sas-2.30p.m. (ħinijiet ta' l-iskola) filwaqt li wara dan il-ħin ikun jista' jsir parkeġġ normali.

**27.6 Rapport Finanzjarju 2016**

27.6.01 Saret sospenzjoni tar-Regolamenti sabiex l-*accountant* tal-Kunsill is-Sur Daniel Galea ġie mistieden ħalli jagħti d-detalji dwar ir-Rapport Finanzjarju 2016.

27.6.03 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-Rapport Finanzjarju 2016 (Ara appendiċi 'A').

27.6.02 L-Accountant Daniel Galea ta spjegazzjoni fid-dettal fir-rigward ir-Rapport Finanzjarju 2016 fejn spjega kif inhi l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill.

27.6.03 Wara diskussjoni fit-tul, il-Kunsill qabel unanimament mar-Rapport Finanzjarju 2016 kif ippreżentat.

27.6.04 Il-Kunsillier Martin John Sultana ġie skużat fis-5.45p.m.

**27.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

27.9.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara appendiċi 'B')

27.9.02 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

27.9.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

27.9.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**27.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' *Purchase Request Sheets***

27.10.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4153 sa 4156. (Ara appendiċi ' Ċ').

27.10.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' l-imsemmija Purchase Request Sheets.

**27.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

27.11.01 Il-laqgħa ntemmet fis-6.00p.m. u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 16 ta' Marzu 2017 fl-4.00p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 08 ta' Marzu 2017